**23 ta' Jannar, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Bartholomeo *sive* Albert Caruana

*versus*

Paolo Buffa *noe*

**Appell - Garanzija in Kawtela ta' l-Ispejjeż - Diskrezzjoni**

**tar-Reġistratur - Benefiċċju tal-Garanzija b'Ġurament**

*Il-garanzija in kawtela ta' l-isepjjeż fl-istadju ta' l-appell hi regolata bl-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi li d-depożitu għandu jkun fis-somma stabbilita mir-Reġistratur li għandu għal dan il-fini, diskrezzjoni sħiħa in kwantu l-liġi ma timponix fuqu kriterji jew regoli kif għandu jistabbilixxi tali garanzija. Diskrezzjoni li tista' tkun sindakabbli biss fejn jiġi stabbilit li tkun ġiet eżerċitata b'mod abbużiv, irraġonevoli jew in eċċess tal-poteri konferiti lilu bil-liġi.*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti għandha, qabel xejn, tiddeċidi dwar jekk l-appell huwiex jew le deżert. Fis-seduta ta' l-4 ta' Ġunju, 1997, ir-ritrattat eċċepixxa d-deżerzjoni ta' l-appell billi jirriżulta illi r-ritrattand *nomine* ġie debitament innotifikat bl-avviżi għall-ħlas tal-garanzija in kawtela ta' l-ispejjeż u sal-lum, u ċjoè, sad-data ta' l-ewwel appuntament, ir-ritrattand kien għadu ma kkawtelax l-appell;

Ir-ritrattand iġġustifika dan in-nuqqas tiegħu b'dikjarazzjoni illi saret bl-istess verbal, illi kien hemm da parti tiegħu oġġezzjoni rigward dan l-ammont impost għall-kawtela mir-reġistratur, u jissottometti illi dan l-ammont kien skorrett peress illi l-meritu kien jittratta dwar talba għar-ritrattazzjoni u mhux għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu. Jissottometti li l-ammont determinat għall-kawtela kien identiku għall-ammont tas-sentenza li kienet qed tiġi impunjata meta kellu jkun ħafna inqas minn hekk. Ir-ritrattand iddikjara ukoll li huwa kien bi ħsiebu jimpunja din il-kawtela skond il-liġi;

Din il-Qorti tinnota:

Illi l-ammont tal-kawtela ffissat mir-Reġistratur kien jirrispekkja l-meritu tal-kawża u ovvjament kien ibbażat fuq it-tassazzjoni li hu kien għamel wara li l-kawża kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Ġunju, 1993. Jidher ċar li dik it-tassazzjoni kienet serviet lir-Reġistratur bħala gwida biex jiddetermina l-ammont tal-kawtela;

Ir-ritrattand ma jirriżultax li ħa passi skond il-liġi biex jikkontesta t-taxxa stabbilita mir-Reġistratur wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ. Jirriżulta nfatti li l-ewwel oġġezzjoni fir-rigward ta' l-ispejjeż likwidati ġiet reġistrata fl-ewwel jum tas-smigħ quddiem din il-Qorti u kienet tirrigwarda d-determinazzjoni ta' l-ammont għall-kawtela;

Il-garanzija in kawtela ta' l-ispejjeż hi regolata bl-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi li d-depożitu għandu jkun fis-somma stabbilita mir-Reġistratur li għandu, għal dan il-fini, diskrezzjoni sħiħa in kwantu l-liġi ma timponix fuq kriterji jew regoli kif għandu jistabbilixxi tali garanzija. Wieħed għandu jifhem li r-Reġistratur jillikwida l-ammont li fil-fehma tiegħu għandu jkun adegwat biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża b'referenza għall-meritu in kontestazzjoni. Diskrezzjoni li tista' tkun sindakabbli biss fejn jiġi stabbilit li tkun ġieteżerċitata b'mod abbużiv, irraġonevoli jew in eċċess tal-poteri konferiti lilu bil-liġi;

Il-liġi timponi fuq l-appellant żmien preċiż sa meta dan id-depożitu in kawtela kellu jsir. Żmien li hu paċifiku illi ddekorra u li l-appellant *nomine* f'dan il-każ ma rrispettax;

L-appellant *nomine* kellu skond il-liġi l-possibbilità illi jirrikorri għall-Qorti biex takkordalu l-possibbilità li jittratta l-appell mingħajr ma jagħmel id-depożitu kkontemplat fl-artikolu

249 tal-Kap. 12 u dana billi jiġi ammess għall-benefiċċju tal-garanzija b'ġurament kif ipprovdut bl-artikolu 250. Anke hawn l-appellant ma jirriżultax illi uzufruwixxa ruħu mill-possibbilità ta' ħelsien mill-garanzija provdut mil-liġi, liema proċedura kellha tiġi avvanzata qabel ma jiskadi t-terminu li fih kellha tiġi depożitata l-kawtela;

Fil-meritu għandu jingħad illi r-Reġistratur kien ġustifikat li jiddetermina l-kawtela a bażi tat-tassazzjoni tal-kawża in prima stanza li kienet relatata mal-kanonizzazzjoni tal-kreditu meritu tat-talba. Dan anke għall-fini ta' ritrattazzjoni, għaliex hu ċar li jekk it-talba għar-ritrattazzjoni hija milqugħa u l-kawża tiġi allura mismugħa mill-ġdid, il-meritu kollu kien ser jiġi investit u mill-ġdid deċiż. Mill-banda l-oħra, kif hi prattika normali, f'każ illi din il-Qorti tiċħad it-talba għar-ritrattazzjoni in kwantu ma jkunux irriżultaw l-estremi li l-liġi timpnoi għal tali smigħ mill-ġdid, ir-ritrattand kien ikun intitolat, kif soltu jsir, għar-rifużjoni ta' dik il-parti mill-kawtela minnu depożitata in eċċess u li ma tkun tkopri l-meritu tal-kawża. Li jfisser li fil-fatt, f'każ ta' eżitu negattiv għat-talba tiegħu għal ritrattazzjoni, ir-ritrattand kien ikollu dritt għar-rifużjoni ta' parti mill-ammont minnu depożitat għaliex it-taxxar finali tal-proċeduri għal ritratatzzjoni ikun ibbażat biss fuq il-punt ta' liġi involut u mhux fuq il-valur kanonizzat favur ir-ritrattat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li t-talba għar-ritrattazzjoni intavolata mill-konvenut *nomine* hi deżerta in kwantu ma ġietx kawtelata skond il-liġi u konsegwentement, tordna l-kanċellament tar-rikors minn fuq il-lista;

L-ispejjeż jitħallsu mir-ritrattand.

---